# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 19**

**Rikors maħluf numru 681/2015/1 MCH**

**Carmelo u Eve konjuġi Farrugia**

***v.***

**Joseph Zammit, Francis Cassar u Debora Richard**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru 2020 li ċaħdet it-talba tagħhom biex il-konvenut Farrugia, bħala debitur tal-konvenuti l-oħra Cassar u Richard – li l-atturi jgħidu li huma debituri tagħhom – iħallas lill-atturi d-dejn li Farrugia għandu mal-konvenuti l-oħra, u biex il-qorti tħassar ftehim bejn Zammit min-naħa l-waħda u Cassar u Richard min-naħa l-oħra għax igħidu li dan kien maħsub biex iqarraq u jxejjen id-drittijiet tagħhom bħala kredituri.

2. F'din il-kawża l-atturi kienu talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara lill-intimati Francis Cassar u Debora Richard debituri tar-rikorrenti konjuġi Farrugia;
>
> »2. tiddikjara lill-intimat Joseph Zammit debitur tal-intimati Francis Cassar u Debora Richard;
>
> »3. tillikwida … … … s-somma dovuta minn Joseph Zammit lil Francis Cassar u Debora Richard;
>
> »4. tikkundanna lill-intimat Joseph Zammit iħallas is-somma hekk likwidata lir-rikorrentl konjuġi Farrugia;
>
> »5. tiddikjara li l-iskritturi iffirmati bejn l-intimati Cassar, Richard u Zammit … … … saru b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tal-istess rikorrenti u kosegwentament tħassar l-istess u tiddikjarahom nulli u bla effett fil-liġi;
>
> »6. tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi inkluż li tirreferi l-każ lill Kummissarju tal-Pulizija.«

3. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax.

4. Il-konvenuta Richard ma weġbitx u l-konvenut Cassar qabel mat-talbiet tal-atturi. Il-konvenut Zammit ressaq dawn l-eċċezzjonijiet, fost oħrajn li ma humiex relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell:

> »3. … … … ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika u jew kuntrattwali bejn l-atturi, l-esponenti u l-konvenuti l-oħra … … …;
>
> »4. … … … l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li skont il-ġurisprudenza nostrana ma hux konsentit li kreditur jes-perixxi l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-allegat debitur tiegħu jekk qabel ma jippruvax li l-qagħda finanzjarja tad-debitur tiegħu hi tali li, jekk ma jistitwixxix il-proċeduri hu, il-possibiltà li jiġbor flusu mingħand id-debitur tiegħu tista' tiġi preġudikata serjament u għalhekk l-atturi ma għandhomx l-interess ġuridiku neċessarju sabiex jintavolaw l-*actio debitor debitoris mei*.«

5. L-ewwel qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni, laqgħet ir-raba' waħda u ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk fis-sentenza appellata:

> »Din hija kawża intavolata mir-rikorrenti kontra l-allegati debituri tar-rikorrenti Francis Cassar u Deborah Richard u l-allegat debitur ta' Cassar u Richard, Joseph Zammit, a bażi tal-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili, u *cioè* l-*actio debitor debitoris mei*. Mill-atti jirriżulta illi Cassar u Richard kienu ffirmaw kostituzzjoni ta' debitu fil-konfront tar-rikorrenti fl-4 ta' Novembru 2011, permezz ta' liema ddikjaraw illi għandhom dejn ċertu, likwidu u dovut favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' €103,894.37 naxxenti minn bejgħ ta' xarabank tal-għamla *King Long* bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY-317 li kien sar fis-16 ta' Ġunju 2008. F'din l-istess skrittura Cassar u Richard iddikjaraw illi Zammit huwa debitur tagħhom

u taw il-kunsens tagħhom sabiex huwa jħallas direttament lir-rikorrenti Farrugia mis-somma dovuta lilhom li hija "ekwivalenti għal bilanċ dovut mid-debituri lill-kredituri skond dan l-att", għalkemm l-istess Zammit ma kienx firmatarju ta' din l-iskrittura u mill-atti jirriżulta li la kien preżenti meta kienet saret u lanqas ma kien jaf biha. Jirriżulta wkoll illi meta saret din il-kostituzzjoni ta' debitu l-partijiet kienu debitament assistit mill-avukati difensuri tagħhom.

»… … …

»Permezz ta' skrittura datata 16 ta' Ġunju 2008 r-rikorrenti obbligaw ruħhom illi jbigħu u jitrasferixxu lil Cassar u Richard ix-xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY-317 għas-somma ta' €151,409.27 li kellha titħallas skont il-modalitajiet stabbiliti fl-istess skrittura. Skont din l-iskrittura Cassar u Richard ma setgħux jittrasferixxu dan ix-xarabank qabel ma jħallsu l-ammont dovut kollu u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti. Ma jidhirx illi huwa kontestat illi dan ix-xarabank kien ġie akkwistat mir-rikorrenti wkoll mingħand Joseph Zammit, u illi dan kien għadu rreġistrat fuq isem Zammit meta saret din il-promessa ta' bejgħ mir-rikorrenti lil Cassar u Richard, għaliex kien għad hemm bilanċ x'jiġi saldat.

»Jirriżulta wkoll illi Cassar u Richard kienu intavolaw kawża kontra Zammit fid-19 ta' April 2011 fl-ismijiet <u>Francis Cassar u Deborah Richard *v.* Joseph Zammit</u> (rikors ġuramentat nru 393/2011) permezz ta' liema kienu għamlu s-segwenti talbiet:

»1. prevja kull dikjarazzjoni oħra li thoss opportun fiċ-ċirkostanzi, tiddikjara illi l-intimat ma' għandu ebda jedd, dritt jew pretensjoni fuq ix-xarabank bin-numru ta' reġis-trazzjoni DBY-317;

»2. tiddikjara illi l-vettura DBY-317 hija proprjetà esklussiva tar-rikorrenti;

»3. tiddikjara illi kull somma mħallsa jew li tista' tiġi mħallsa lill-intimat Joseph Zammit mill-Gvern ta' Malta jew mill-Awto-rità għat-Trasport Pubbliku bħala prezz ta' bejgħ relattiva għall-istess xarabank DBY-317 jew bħala kull pagament ieħor dovut mill-Gvern ta' Malta jew mill-Awtorità għat-Trasport Pubbliku relattivament għall-istess vettura huma flejjes proprjetà tar-rikorrenti;

»4. tiddikjara illi bl-aġir abbużiv u illegali tiegħu l-intimat kien u għadu responsabbli versu r-rikorrenti għad-danni kollha li ġew ikkaġunati lir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-istess aġir;

»5. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti in konsegwenza tal-istess aġir abbużiv tal-intimat;

»6. tikkundanna lill-intimat iħallas dik is-somma hekk likwidata lir-rikorrenti.

»Il-kawża bin-numru 393/2011 ġiet transatta wara illi kienu saru żewġ skritturi bejn Cassar u Zammit u bejn Richard u Zammit. *Ai termini* tal-iskrittura tal-21 ta' Jannar 2015 Cassar kien ħallas lil Zammit [*recte*, Zammit kien ħallas lil Cassar] is-somma ta' €15,000, filwaqt illi *ai termini* tal-iskrittura tal-4 ta' Ġunju 2015 Richard kienet ħallset lil Zammit [*recte*, Zammit kien ħallas lil Richard] is-somma ta' €18,000, u

dan sabiex iċedu l-kawża illi kienu intavolaw kontra Zammit bin-numru ta' referenza 393/2011. F'dawn iż-żewġ skritturi l-partijiet kienu qablu illi l-ħlas li kien qiegħed jiġi magħmul minn Zammit m'għandux jiġi meqjus bħala ammissjoni da parti tiegħu li huwa kien debitur ta' Cassar jew ta' Richard fir-rigward tal-kawża msemmija, u ġie dikjarat minn Cassar u minn Richard illi huma kienu sodisfatti l-ħlas riċevut minnhom fuq l-iskrittura, li kien ikopri l-ħlas tal-vettura, danni u kumpens mitlub minnhom u illi ma kellhom l-ebda pretensjonijiet, preżenti jew futuri, fir-rigward ta' Joseph Zammit u *Satelekomp Elektroniks Limited*.

»Il-qorti rat ukoll illi fit-2 ta' Frar 2010 ir-rikorrent Carmelo Farrugia kien għamel kwerela lill-pulizija kontra l-intimat Francis Cassar permezz ta' liema talab illi jittieħdu passi kriminali kontra l-istess Cassar, wara li akkuzah illi kien iffalsifika l-firma tiegħu fuq dokument datat 19 ta' April 2009 illi Cassar kien issottometta lill-Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku skont liema Farrugia kien irċieva s-somma ta' €70,000 bħala l-aħħar pagament dovut fir-rigward tal-bejgħ tax-xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY-317. Cassar kien ġie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali … bi ksur tal-artikoli 308, 309, 310, 187 u 189 tal-Kodiċi Kriminali u kien instab ħati tal-akkużi dedotti kontra tiegħu permezz ta' sentenza datata 26 ta' Settembru 2013 fuq ammissjoni tiegħu stess.

»Permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jimpunjaw l-iskritturi ta' transazzjoni tal-21 ta' Jannar 2015 u tal-4 ta' Ġunju 2015, li skont huma saru esklussivament bl-intenzjoni illi jiġu elużi d-drittijiet tagħhom bħala kredituri tal-intimat Francis Cassar u Deborah Richard. Ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu, *inter alia,* illi dawn l-iskritturi jiġu mħassra u ddikjarati nulli, illi l-intimat Joseph Zammit jiġi ddikjarat debitur tal-intimat l-oħra Cassar u Richard u b'hekk jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrenti s-somma dovuta minnu lil Cassar u Richard.

»… … …

»L-intimat eċċepixxa … illi ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika jew kuntrattwali bejnu, ir-rikorrenti u l-intimati l-oħra, u illi r-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovu din l-azzjoni għaliex ma ġiex pruvat illi d-debitur tagħhom Francis Cassar u Deborah Richard m'għandhomx il-mezzi sabiex iħallsu d-dejn dovut minnhom.

»… … … jirriżulta indiskutibilment illi din hija azzjoni *debitor debitoris mei* intavolata *ai termini* tal-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jipprovdi illi:

> »"Kull kreditur jista' biex jitħallas ta' dak li jkollu jieħu, jeżerċita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tiegħu, barra minn dawk li huma għal kollox personali."

»Fir-rigward ta' dan l-artikolu ġie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet Emidio Azzopardi *et v.* Av. Kevin Mompalao *noe et* (Mag. (Għawdex) 07/05/2013):

> »"Minn dan l-artikolu jemerġi li l-kreditur qiegħed jagħmel użu minn dritt li ma jkunx jappartjeni lilu iżda jkun jappartjeni lid-debitur tiegħu. L-azzjoni esperita minn tali kreditur tkun meħuda *in jure debitoris* u mhux *in jure suo*. Bid-dispost ta' dan l-artikolu, il-kreditur qiegħed jiġi protett mill-konsegwenzi tan-negliġenza tad-

> debitur li jaġixxi biex jiġbor dak dovut lilu bir-riżultat li jnaqqas il-garanzija tal-kreditur. L-uniku limitazzjoni hija li kreditur ma jistax jeżerċita jeddijiet jew azzjonijiet għal kollox personali bħal, per eżempju, każ ta' separazzjoni, divorzju jew talba għall-filjazzjoni ossija bħalma huma kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi miegħu."

»Fis-sentenza fl-ismijiet Anthony Micallef *et v.* Paul Balzan *et* (Appell, 24/11/2017) gie deċiż illi:

> »"Din il-qorti tirrileva li biex kreditur jaġixxi bl-azzjoni surrogatorja m'għandux il-ħtieġa li jkollu relazzjoni ġuridika diretta mad-debitur tad-debitur tiegħu. Il-kreditur, fil-fatt, jaġixxi biex jesegwixxi l-obbligazzjoni li t-terz għandu versu d-debitur tiegħu. Ma' dan it-terz, il-kreditur ma jkollu ebda relazzjoni ġuridika, u l-interess tal-kreditur hu biex dan it-terz iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu versu d-debitur, ħalli dan tal-aħħar ikun jista' jissodisda l-interessi tal-kreditur. Il-kreditur jaġixxi, b'mod indirett, f'isem id-debitur tiegħu, u r-rabta ġuridika trid tkun teżisti bejn id-debitur u d-debitur tiegħu, it-terz, u mhux bejn il-kreditur u t-terz; hu għalhekk, li jingħad li l-kreditur jaġixxi *ex iuribus debitoris*, u mhux f'ismu *proprio*."

»Għalhekk ma jeħtieġx illi jkun hemm relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-intimat Joseph Zammit, *qua* l-allegat debitur tal-allegati debituri tagħhom Francis Cassar u Deborah Richard. Mill-provi jirriżulta illi Cassar u Richard huma filfatt debituri tar-rikorrenti u dan fid-dawl tal-kostituzzjoni ta' debitu datata 4 Novembru 2011 permezz ta' liema Cassar u Richard iddikjaraw illi għandhom debitu ċert, likwidu u dovut favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' €103,894.37. Għalhekk il-liġi tagħti lir-rikorrenti l-mezzi sabiex jigarantixxu s-sodisfazzjon tal-pretensjoni tagħhom, senjatament billi tagħtihom il-possibilità illi jressqu kontra l-allegati debituri tad-debitur tagħhom dawk l-azzjonijiet kollha, ħlief l-azzjonijiet purament personali, li huma permessi lid-debitur stess.

»Qabel ma tqis l-eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku tar-rikorrenti mill-ottika tal-mezzi finanzjarji tal-intimati, il-qorti tqis illi jkun utli illi l-ewwel jiġi eżaminat jekk b'mod ġenerali r-rikorrenti għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex iressqu l-azzjoni hekk kif impostata minnhom. Permezz tal-azzjoni surrogatorja, il-kreditur jaġixxi fl-interess personali tiegħu iżda *ex iuribus debitoris* sabiex jagħmel użu minn dritt li jkun jappartjeni lid-debitur tiegħu biex b'hekk jirreintegra fil-patrimonju tad-debitur tiegħu beni dovuti lilu li jistgħu jagħmlu tajjeb għall-kreditu dovut lill-kreditur rikorrent. Għalhekk għandu jkun jirriżulta illi l-azzjoni intentata mill-kreditur rikorrent tkun waħda li tappartjeni lid-debitur tal-kreditur rikorrenti u li iżda qiegħed jeżerċitaha hu sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu mill-inerzja u n-negliġenza tad-debitur tiegħu fil-konfront tad-debituri tiegħu.

»Però jekk il-bażi tal-azzjoni rikorrenti tkun it-tħassir ta' att magħmul mid-debitur tiegħu bi frodi tad-drittijiet tiegħu bħala kreditur, l-azzjoni spettanti lill-kreditur sabiex iħassar dak l-att m'hijiex l-azzjoni surrogatorja iżda l-azzjoni ta' revoka, u *cioè* l-azzjoni pawljana. Kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet Carmelo Mallia *et v. All Invest Co Ltd et* (PA, 11/03/2016):

> »"Li qegħdin jallegaw il-konjuġi Mallia hu li l-aħwa Falzon kienu involuti f'kuntratti ta' donazzjoni intiżi biex tiġi mnaqqsa l-garanzija

> patrimonjali ta' missierhom li trid tagħmel tajjeb fl-eventwalità li jingħataw raġun għall-pretensjonijiet tagħhom.
>
> »"Fl-agħar ipoteżi, l-aħwa Keith u Kenneth Falzon jistgħu ikunu eventwalment sokkombenti f'azzjoni pawliana, bir-riżultat li l-ġid li rċevew b'donazzjoni jerġa' jmur lura fl-assi patrimonjali tal-ġenituri tagħhom, u jeħlu xi spejjeż bħal dawk ġudizzjarji."

»Il-qorti hawnhekk tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fejn fir-rigward tal-possibilità illi l-*actio debitor debitoris mei* tintuża sabiex timpunja l-għażliet magħmula mid-debitur tal-kreditur rikorrenti fl-eżerċizzju tad-drittijiet tiegħu fil-konfront debituri tiegħu intqal illi:

> "»L'azione surrogatoria, consentendo al creditore di prevenire e neutralizzare gli effetti negativi che possano derivare alle sue ragioni dall'inerzia del debitore, il quale ometta di esercitare le opportune azioni dirette ad incrementare il suo patrimonio, conferisce al creditore stesso la legittimazione all'esercizio di un diritto altrui, ed ha perciò carattere necessariamente eccezionale, potendo essere proposta solo nei casi ed alle condizioni previsti dalla legge.
>
> »Ne discende che, qualora non sia più inerte, per aver posto in essere comportamenti idonei e sufficienti a far ritenere utilmente espressa la sua volontà in ordine alla gestione del rapporto, viene a mancare il presupposto perché a lui possa sostituirsi il creditore, il quale non può sindacare la modalità con cui il debitore abbia ritenuto di esercitare la propria situazione giuridica nell'ambito del rapporto, né contestate le scelte e l'idoneità delle manifestazioni di volontà da questo poste in essere a produrre gli effetti riconosciuti dall'ordinamento, soccorrendo all'uopo altri strumenti di tutela a garanzia delle pretese del creditore, quali, ove ne ricorrano i requisiti, l'azione revocatoria ovvero l'opposizione di terzo [Cass. Civ. Sez. II. n. 5805 (12/04/2012)].

»Minn qari tar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti jirriżulta illi dak li qed jitolbu r-rikorrenti huwa t-tħassir tal-iskrittura konkluża bejn Francis Cassar u Joseph Zammit, permezz ta' liema Zammit ħallas lil Cassar is-somma ta' €15,000 u l-iskrittura konkluża bejn Deborah Richard u Joseph Zammit permezz ta' liema Zammit ħallas lil Richard is-somma ta' €18,000, liema skritturi kienu intiżi sabiex Cassar u Richard iċedu l-atti tal-kawża bin-numru 393/2011 MCH li kienu intavolaw a bażi ta' allegat kreditu li kellhom kontra Zammit u allegati danni sofferti minnhom minħabba l-allegat rifjut irraġonevoli ta' Zammit illi jittrasferixxi l-liċenzja tax-xarabank bin-numru DBY-317 li huma kienu xtraw mingħand ir-rikorrenti li kienu talvolta akkwistawh mingħand Zammit.

»Huwa ċar li l-azzjoni għat-tħassir tal-iskritturi msemmija a bażi ta' allegazzjoni illi saru b'qerq bi ħsara tal-jeddijiet tar-rikorrenti *qua* kredituri ta' Cassar u Richard m'hijiex azzjoni spettanti lil Cassar u Richard kontra d-debitur tagħhom *ai termini* tal-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili, iżda hija azzjoni spettanti lir-rikorrenti personalment *ai termini* tal-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili. L-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hija ċirkoskritta fuq il-kawżali mogħtija minnhom, u r-rikorrenti bbażaw din il-kawża espressament fuq l-*actio debitor debitoris mei* provduta fl-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, il-qorti tqis illi r-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovu l-azzjoni hekk kif impostata minnhom, peress illi t-talbiet magħmula minnhom

għat-tħassir tal-iskrittura msemmija ma jirrappreżentawx l-eżerċizzju ta' jedd spettanti lil Cassar u Richard kontra l-allegat debitur tagħhom Zammit.

»Imbagħad ġaladarba jeżistu kuntratti, u *cioè* l-iskrittura tal-21 ta' Jannar 2015 u l-iskrittura tal-4 ta' Ġunju 2015, illi jikkonfermaw illi Cassar u Richard ħadu azzjoni kontra l-allegat debitur tagħhom u illi Cassar u Richard m'għandhom l-ebda pretensjonijiet oħra, preżenti jew futuri, kontra Zammit, għandu jsegwi illi r-rikorrenti ma rnexxilhomx iressqu prova, imqar *prima facie,* illi Zammit huwa d-debitur ta' Cassar u Richard.

»Il-qorti rat illi fir-risposta ġuramentata tiegħu Francis Cassar qabel mar-rikorrenti illi l-iskrittura tal-21 ta' Jannar 2015 illi saret bejnu u bejn Joseph Zammit hija nulla. Il-qorti tagħraf però illi Cassar qatt ma għamel kawża *ad hoc* sabiex jannulla din l-iskrittura, u, skont il-ġurisprudenza, l-annullabilità ta' kuntratt ma tistax titqajjem bħala eċċezzjoni izda trid per forza tkun dedotta permezz ta' azzjoni apposita.

»Għalhekk sallum il-ġurnata l-qorti għandha quddiemha kuntratti validi u viġenti illi jeskludu l-kawżali tar-rikorrenti li Zammit huwa debitur ta' Cassar u Richard, u l-qorti trid neċessarjament tibbaża l-ġudizzju tagħha fuq dak illi jirriżulta quddiemha u xejn aktar.

»Għaldaqstant fil-fehma tal-qorti r-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovu l-*actio debitor debitors mei* fil-konfront ta' Zammit.

»Għaldaqstant l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti qed tiġi milqugħa, u dan ifisser illi din il-qorti ma tistax tkompli tieħu konjizzjoni tal-azzjoni rikorrenti.«

6. L-atturi appellaw b'rikors tal-5 ta' Novembru 2020 li għalih wieġbu l-konvenut Zammit fis-6 ta' Jannar 2021 u l-konvenuta Richard fis-7 ta' Diċembru 2021. Il-konvenut Cassar ma weġibx.

7. L-aggravju tal-appell ġie mfisser hekk:

»L-aggravju tal-appellanti huwa … li l-ewwel onorabbli qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta laqgħet l-eċċezzjoni mressqa mill-intimat Joseph Zammit fir-rigward tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti u konsegwentament ċaħdet it-talbiet rikorrenti.

»… … …

»… … … l-ewwel onorabbli qorti innotat illi l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hija ċirkostritta fuq il-kawżali mogħtija minnhom, u ddikjarat li r-rikorrenti bbażaw din il-kawża espressament fuq l-*actio debitor debitoris mei* provduta fl-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili.

»… … … meta wieħed jagħmel referenza għar-rikors ġuramentat promotur intavolat quddiem l-ewwel onorabbli qorti … … … joħroġ biċ-ċar illi minbarra l-*actio surrogatoria*, l-appellanti bbażaw il-kawża

tagħhom ukoll fuq l-*actio pauliana*, kif fil-fatt għandhom kull dritt, bħala kredituri, li jeżerċitaw tali azzjoni f'isimhom. … … …

»… … …

»Minkejja li ma saritx referenza speċifika għall-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili li jirrigwarda l-azzjoni pawljana, m'hemm l-ebda dubju illi r-rikorrenti Farrugia … … … ibbażaw il-kawża tagħhom ukoll fuq din l-azzjoni bl-animu li tali skritturi jiġu iddikjarati nulli u bla effett fil-liġi minħabba li ġew magħmula b'qerq mid-debituri bi ħsara tal-jeddijiet tagħhom.

»*Inoltre*, meta l-ewwel onorabbli qorti ħadet id-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' tali eċċezzjoni, issottometiet -

> »"Għaldaqstant, il-qorti tqis illi r-rikorrenti m'għandhomx l-interess ġuridiku rikjest sabiex jippromwovu l-azzjoni hekk kif impostata minnhom, peress illi t-talbiet magħmula minnhom għat-tħassir tal-iskrittura msemmija ma jirrappreżentawx l-ezerċizzju ta' jedd spettanti lil Cassar u Richard kontra l-allegat debitur tagħhom Zammit."

»… … … l-ewwel onorabbli qorti, fid-deċiżjoni tagħha, naqset milli tqis is-sottomissjonijiet magħmula mill-istess appellanti fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni. L-appellanti umilment jirrelevaw illi l-azzjoni tagħhom quddiem l-ewwel onorabbli qorti kienet maqsuma fi tnejn u *cioè* l-hekk imsejħa

»A. *actio debitor debitoris mei* fejn l-interess tal-appellanti joħroġ mill-fatt li l-appellat Zammit huwa debitur tad-debituri tagħhom Cassar u Richard; u

»B. *actio pauliana* fejn l-appellanti qegħdin ifittxu li jimpunjaw l-allegata skrittura ta' transazzjoni bejn l-appellati li skont l-appellant saret sabiex jiġi eluż il-kreditu tal-konjuġi Farrugia fil-konfront tal-appellati Cassar u Richard.

»Għaldaqstant, l-interess ġuridiku tal-appellanti huwa wieħed manifest.

»Ulterjorment, fid-deċiżjoni tagħha, l-ewwel onorabbli qorti qieset illi l-appellanti Farrugia ma rnexxilhomx iressqu prova, imqar *prima facie*, illi Zammit huwa d-debitur ta' Cassar u Richard. B'kull dovut rispett, fl-umli fehma tal-appellanti l-ewwel onorabbli qorti f'dan ir-rigward naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-provi prodotti mill-appellanti.

»L-ewwel net, kien l-intimat Francis Cassar stess permezz tar-risposta ġuramentata tiegħu li kkonferma illi huwa konsapevoli tal-fatt illi huwa, flimkien ma' Debora Richard, huwa debitur tar-rikorrenti. Dan il-fatt ġie kkonfermat ukoll minn Francis Cassar stess fix-xiehda tiegħu li ngħatat nhar is-7 ta' Diċembru 2016 … … …

»… … …

»Ta' min wieħed jagħmel referenza għax-xiehda ġuramentata mogħtija minn Deborah Richard nhar il-21 ta' Marzu 2017, fejn, minkejja li ppruvat tevita r-risposta għad-domandi li kienu qed isirulha, hi stqarret illi l-flus li għandu jiehu Carmelo Farrugia qegħdin għand Joseph Zammit.

»Meta wiehed iqis id-differenza enormi li teżisti bejn l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru intavolat mill-intimati Cassar u Richard kontra l-intimat l-ieħor Zamnut, speċifikament l-ammont ta' mitejn u tnejn u tmenin elf euro (€282,000), u l-ammonti msemmija fl-isktritturi privati referiti hawn fuq, speċifikament l-ammont ta ħmistax-il elf euro (€15,000) fir-rigward ta' Francis Cassar u tmintax-il elf euro (€18,000) fir-rigward ta' Debora Richard, joħroġ biċ-ċar illi m'hemmx bżonn ta' analiżi profonda sabiex wieħed jikkonkludi l-*mala fede* preżenti da parti tal-partijiet. Minkejja illi waqt ix-xiehda tagħha tal-21 ta' Marzu 2017 Deborah Richard tipprova ttina x'tifhem illi hi aċċettat is-somma ta tmintax-il elf euro (€18,000) minħabba li kienet imtliet bid-dejn, huwa ovvju illi l-ebda persuna li għandha tal-inqas livell ta' ħsieb ta' bniedem ordinarju ma taċċetta li titħallas is-somma miżera ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) jew tmintax-il elf euro (€18,000) meta kellha titħallas is-somma ta' mitejn u tmenin elf euro (€282,000), iktar u iktar meta tali persuna tkun imtliet bid-dejn!

»L-ewwel onorabbli qorti ibbażat il-ġudizzju tagħha li l-kredituri Farrugia ma rnexxilhomx iġibu prova, imqar *prima facie*, illi Zammit huwa d-debitur ta' Cassar u Richard, fuq il-konklużjoni żbaljata tagħha illi l-iskritturi privati ffirmati bejn Cassar, Richard u Zammit huma kuntratti validi u viġenti. Huwa proprju għalhekk illi l-atturi fil-kawża quddiem l-ewwel onorabbli qorti intavolaw l-*actio pauliana*, u dan sabiex l-imsemmija skritturi jiġu ddikjarati nulli u bla effett fil-liġi, minħabba li ġew magħmula b'qerq mid-debituri Cassar u Richard bi ħsara tal-jeddijiet tal-istess atturi. Konsegwentament, la l-imsemmija skritturi jiġu dikjarati nulli u bla effett fil-liġi fid-dawl tal-*actio pauliana*, Zammit jiġi kkonfermat bħala debitur ta' Cassar u Richard.

»Fid-dawl ta' dan, ma jifdal l-ebda dubju illi l-iskritturi li ġew iffirmati bejn l-appellati Francis Cassar, Debora Richard u Joseph Zammit ġew magħmula sabiex jiġu elużi d-drittijiet tal-appellanti kredituri Farrugia u għalhekk għandhom jiġu dikjarati nulli u bla effett fil-liġi. Konsegwentement, jirriżulta illi Zammit huwa fil-fatt debitur tal-appellati Cassar u Richard. La l-appellat Zammit huwa debitur tal-appellati Cassar u Richard, permezz tal-azzjoni surrogatorja, il-kredituri konjuġi Farrugia għandhom id-dritt li jeżercitaw il-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debituri tagħhom (barra minn dawk li huma għal kollox personali), kif fil-fatt għamlu permezz tal-kawża intavolata quddiem l-ewwel onorabbli qorti.«

8. Il-konvenut Zammit wieġeb hekk:

»… … …

»L-appellanti qegħdin jibbażaw l-appell tagħhom fuq allegat qerq li suppost sar bejn l-appellat odjem u l-appellati l-oħra; però, skond l-esponenti, wieħed għandu jibda mis-sors ta' din il-kawża *ossia* l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu li saret bejn l-appellanti u l-appellati l-ohra (Cassar u Richard), skirttura li saret quddiem Nutar Pubbliku Francesca Borg, fejn fiha l-partijiet fuq dik l-iskrittura kienu għamlu klawżola fejn allegaw li l-appellat odjern kien debitur tal-appellati l-oħra u dan mingħajr ma ġiet prodotta ebda prova ta' dan l-allegat debitu, mingħajr ma l-appellat odjern kien preżenti u mingħajr ma saru ebda

konferma mal-appellat odjern fuq dan l-allegat debitu u mingħajr ma saru ebda riċerki dwar dan id-debitu fantażma!

»… … … għalhekk, jekk kien hemm xi qerq, dan żgur li ma ġiex kommess mill-esponenti imma mill-appellanti meta ddikjaraw xi ħaġa li ma kinetx minnha!

»Kien jispetta lill-appellanti li ta' lanqas iressqu l-prova li verament kien hemm xi debitu; però hekk kif tajjeb indikat l-ewwel onorabbli qorti "ma rnexxilhomx iressqu prova, imqar *prima facie*, illi Zammit huwa d-debitur ta' Cassar u Richard.

»Għalhekk anke jekk għall-grazzja tal-argument kellha din l-onorabbli qorti tiddikjara li l-appellanti kellhom interess ġuridiku biex iressqu t-talba tagħhom, xorta waħda jibqa l-fatt li l-prova ta' lanqas *prima facie* tal-allegat debitu ma tressqitx.

»*Inoltre*, u kif sottomess mill-esponenti anke fin-nota ta sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel onorabbli qorti, *ai termini* tal-artikolu 1001 ta' Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-kuntratti għandhom effett biss bejn il-partijiet li jikkuntrattaw u għalhekk, ġaladarba li l-esponenti qatt ma kien firmatajru tal-kostituzzjoni ta' debitu, dan qatt ma jista' jkollu effett fil-konfront tiegħu, la favur u lanqas kontra, u, ġaladarba l-kawza odjerna ġiet imsejsa fuq din il-kostituzzjoni ta debitu, fejn l-esponenti la kien preżenti, la kien mgħarraf biha u lanqas saru verifiki dwar il-veraċità tal-allegat debitu, allura wkoll skond l-esponenti it-talbiet attriċi għandhom ukoll ifallu f dan ir-rigward.

»L-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom jiċċitaw partijiet mix-xiehda tal-appellat Franċis Cassar; però naqsu wkoll li jiċċitaw partijiet mix-xiehda in kontro-ezami tal-appellanti Carmelo Farrugia (tat-18 ta' Novembru 2019), fejn minn qari tal-istess xiehda jidher li l-appellanti Farrugia lanqas ma qiegħed jippretendi li l-appellati l-oħra Cassar u Richard għandhom xi kreditu fil-konfront ta' Zammit, iżda li l-appellant personalment kellu xi allegat kreditu fil-konfront ta' Zammit, naxxenti minn xi allegat teħid ta' xarabanks mill-Belt, fost diversi fantażiji oħra li xehed in kontro-eżami.

»Però, forsi li naqsu jindikaw l-appellanti li anke l-istess appellant fil-kontro-eżami tiegħu lanqas ma jaf eżatt x'qiegħed jipretendi mingħand l-appellat odjern, billi fuq domanda tal-qorti qal li kien qiegħed jippretendi tietin elf euro mingħand l-esponenti mentri li fil-kostituzzjoni ta' debitu hemm indikat ammont totalment differenti! Għalhekk għandu jidher ċar li kwalsijasi qerq qiegħed isir biss min-naħa tal-appellanti billi ibbażaw il-kawża tagħhom fuq skrittura b'insinwazzjonijiet totalment infondati, qarrieqa u mingħajr ma ressqu ebda prova ta' kif waslu għall-ammont indikat fl-iskrittura tagħhom u, iżjed minn hekk, l-ammont indikat fl-iskrittura u dak li xehed dwaru l-appellanti huwa totalment differenti!

»Fuq il-qerq, l-appellanti naqas ukoll li jsemmi l-qerq li kkommetta huwa stess, meta ġie biex biegħ xarabank li kienet qiegħda tagħmel tajjeb għal djun li l-istess appellanti kellu mal-esponenti … … …

»Għalhekk għandu jidher ċarissimu li, jekk kien hemm xi qerq f'din il-kwistjoni kollha, dan kien dejjem da parti tal-appellanti u żgur li mhux da parti tal-esponenti.

»… … …«

9. Il-konvenuta Richard wieġbet hekk:

»i. l-esponenti m'hijiex il-leġittimu kontradittur

»Preliminarjament, l-esponenti tirrileva illi hija m'għad għandha l-ebda involviment u/jew sehem mill-vetturi indikati fil-kawża odjerna *stante* illi l-istess esponenti kienet assenjat is-sehem rispettiv tagħha fuq tali vetturi lill-intimat appellat Francis Cassar u dana permezz ta' skrittura privata datata nhar id-29 ta' Diċembru tas-sena 2009.

»Għaldaqstant, *in vista* tal-iskrittura privata surreferita, kwalsiasi azzjoni da parte tal-appellanti kellha tiġi diretta biss lill-intimat appellat Francis Cassar u mhux lill-esponenti Debora Richard.

»In sostenn tal-fatti suelenkati, u b'referenza għall-imsemija skrittura privata, l-intimat appellat Francis Cassar kien aċċetta u akkwista d-drittijiet u l-obbligi kollha tal-istess esponenti Debora Richard naxxenti mill-iskritturi privati rigwardanti x-xarabanks, inkluż dawk relatati mal-vettura mertu tal-kawża odjerna u *cioè* dik bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY 317.

»*Inoltre*, l-intimat appellat Francis Cassar kien, permezz ta' dik l-istess skrittura privata u fir-rigward tax-xarabank surreferita, obbliga ruħu li josserva l-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha indikati fl-iskritturi privati rigwardanti x-xiri ta' xarabanks relattivi kif ukoll obbliga ruħu li jindennizza lill-esponenti Debora Richard f'każ illi hija tiġi mfittxija minn terzi.

»Għalhekk, mill-fatti surreferiti jirrizulta ampjament u manifestament ċar li kwalsiasi proċeduri u/jew azzjoni rigwardanti x-xarabank bin-numru ta' reġistrazzjoni OBY 317 kellhom jiġu diretti lill-intimat appellat Francis Cassar u mhux lill-esponenti!

»ii. … … … jekk seta' kien hemm ingann u *mala fede*, dawn saru mill-appellant u żgur mhux minn l-esponenti

»… … …

»Mill-fatti kif stabbiliti jikkristallizza bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-*mala fede* u l-ingann ġew eżerċitati mill-appellanti u żgur li mhux mill-esponenti. Fil-fatt l-appellanti ikkuntrattaw l-iskrittura privata datata nhar is-16 ta' Ġunju tas-sena 2008 mal-esponenti u Francis Cassar b'*mala fede* u ingann għaliex kienu ben konxji tal-fatt li x-xarabank mertu tal-istess skrittura privata, u *cioè* dak bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY 317, kien għadu mhux irreġistrat fuq isimhom.

»*Inoltre*, l-appellanti kienu ben konxji wkoll li tali xarabank ma setax jiġi trasferit minnhom minħabba kundizzjoni ċara u netta imposta fuqhom ħdax-il ġurnata biss qabel id-data tal-iskrittura privata relattiva, u *cioè* fl-iskrittura privata datata nhar il-5 ta' Ġunju tas-sena 2008 ffirmata bejn l-appellanti u l-appellat Joseph Zammit, liema kundizzjoni kienet tisħaq ċar kristall li dan ix-xarabank ma setax jiġi assenjat lil terzi qabel jitħallas il-bilanċ kollu dovut lill-venditur Zammit (illum appellat)!

»Huwa proprju għalhekk illi l-esponenti qiegħda tisħaq li jekk f'dan kollu ġie eżerċitat ingann u *mala fede*, tali ġew eżerċitati minn ħadd ħlief l-appellanti Farrugia! Dan apparti l-fatt li tali ingann u *mala fede* daħħal lill-esponenti fi xkora problemi u kumplikazzjonijiet inutli.

> »iii. appell huwa wieħed fieragħ u għalhekk l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-appellant Farrugia.
>
> »Finalment … … … l-esponenti tisħaq u tirrileva li kwalsiasi spejjeż relatati ma’ dan l-appell għandhom ikunu sopportati unikament mill-appellanti Farrugia u dana *stante* li l-proċeduri minnu inizjati huma insostennibli kif fil-fatt diġà ġie ddikjarat mill-ewwel onorabbli qorti.
>
> »Għalhekk, ċertament illi l-esponenti Farrugia [*recte*, Richard] ma għandiex tbati spejjeż relatati mal-proċeduri odjerni.«

10. L-atturi appellanti jgħidu illi l-ewwel qorti qalet illi l-azzjoni tagħhom hija l-*actio debitor debitoris mei* waqt illi huma jgħidu illi l-azzjoni hija kemm l-*actio pauliana* u kif ukoll l-*actio debitor debitoris mei*.

11. L-atturi qegħdin igħidu sew. Tassew illi huma qegħdin jagħmlu l-*actio debitor debitoris mei*, iżda mhux dik biss. Biex jirnexxu f’din l-azzjoni, lill-atturi jeħtiġilhom juru kemm i. illi huma kredituri ta’ Cassar u Richard (id-*debitores*) u kif ukoll ii. illi Cassar u Richard huma kredituri ta’ Zammit (id-*debitor debitoris*). L-ewwel prova għamluha bil-kuntratt tal-4 ta’ Novembru 2011 li bih Cassar u Richard għarfu d-dejn tagħhom. Biex jagħmlu t-tieni prova jeħtiġilhom juru illi l-ftehim bejn Zammit u Cassar u l-ftehim bejn Zammit u Richard – li huma maħsuba biex juru illi d-dejn ta’ Zammit huwa mħallas u li għalhekk Zammit ma huwiex *debitor debitoris* – saru biex iqarrqu bihom u għalhekk quddiemhom ma jiswewx. Biex jiksbu din id-dikjarazzjoni fetħu wkoll l-*actio pauliana*. Loġikament għalhekk kellha l-ewwel tinqata’ t-talba *pauliana* biex isir magħruf jekk Zammit huwiex tassew *debitor debitoris*, u mbagħad, jekk jiġi stabbilit dan il-fatt, l-azzjoni tgħaddi għall-fażi surrogatorja. Ovvju għalhekk li l-atturi għandhom inter-ess kemm biex jiksbu dikjarazzjoni li l-ftehim dwar ħlas tad-dejn ta’ Zammit ma jiswiex quddiemhom, u kemm biex idaħħlu fil-partimonju ta’ Cassar u Richard dak li dawn għandhom jieħdu mingħand Zammit biex

imbagħad jitħallsu huma dak li għandhom jieħdu mingħand Cassar u Richard.

12. L-ewwel qorti erronjament qieset illi l-azzjoni kienet biss l-*actio debitor debitoris mei*:

> »… … … l-azzjoni għat-tħassir tal-iskritturi msemmija a bażi ta' alleg-azzjoni illi saru b'qerq bi ħsara tal-jeddijiet tar-rikorrenti *qua* kredituri ta' Cassar u Richard m'hijiex azzjoni spettanti lil Cassar u Richard kontra d-debitur tagħhom *ai termini* tal-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili, iżda hija azzjoni spettanti lir-rikorrenti personalment *ai termini* tal-artikolu 1144 tal-Kodiċi Ċivili. L-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hija ċirkoskritta fuq il-kawżali mogħtija minnhom, u r-rikorrenti bbażaw din il-kawża espressament fuq l-*actio debitor debitoris mei* provduta fl-artikolu 1143 tal-Kodiċi Ċivili«

13. Dan ma huwiex korrett. Fost il-kawżali tal-azzjoni hemm espressament dawk relattivi għall-*actio pauliana*:

> »… … . l-iskrittura [*sc*. ta' transazzjoni bejn il-konvenuti] saret sabiex jiġu elużi d-drittijiet tal-kredituri rikorrenti Farrugia … … …
>
> »… … …
>
> »L-esponenti jixtiequ li kwalsijasi ftehim iffirmat bejn l-intimati Cassar, Richard u Zammit fejn l-istess Cassar u Richard ħelsu lill-intimat Zammit mid-debitu dovut minnu lejhom u/jew b'rabta max-xarabank DBY 317, null u bla effett fil-liġi in kwantu sar esklussivament bl-intenzjoni li jiġu elużi d-drittijiet kreditriċi tar-rikorrenti Farrugia.«

14. Fost it-talbiet ukoll hemm talba relattiva għall-*actio pauliana* biex il-qorti:

> »tiddikjara li l-iskritturi iffirmati bejn l-intimati Cassar, Richard u Zammit … … … saru b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tal-istess rikorrenti u kosegwentament tħassar l-istess u tiddikjarahom nulli u bla effett fil-liġi«

15. Tgħid ħażin għalhekk l-ewwel qorti illi "l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hija ċirkoskritta fuq il-kawżali mogħtija minnhom, u r-rikorrenti bbażaw din il-kawża espressament fuq l-*actio debitor debitoris mei*" u mhux ukoll fuq l-*actio pauliana*. Fil-fatt lanqas il-konvenut Zammit fl-eċċezzjonijiet tiegħu ma ressaq dik l-eċċezzjoni: qal li l-atturi ma għandhomx interess ġuridiku

mhux għax ma mexxewx bl-azzjoni *pauliana* iżda għax jistgħu jitħallsu minn beni oħra tad-debituri tagħhom (għalkemm fil-verità din ma hijiex eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku iżda eċċezzjoni ta' eskussjoni).

16. Din il-qorti fehmet illi waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-konvenuti fittxew li jgħidu illi l-atturi ma setgħux f'azzjoni waħda jagħmlu kemm l-*actio debitor debitoris mei* u kemm l-*actio pauliana*. Jidher li sejsu dan l-argument fuq is-silta ċitata mill-ewwel qorti mis-sentenza ta' Emidio Azzopardi illi fl-azzjoni *debitor debitoris mei* l-attur jinqeda bi "dritt li ma jkunx jappartjeni lilu iżda jkun jappartjeni lid-debitur tiegħu. L-azzjoni esperita minn tali kreditur tkun meħuda *in jure debitoris* u mhux *in jure suo*", u fuq dak li qalet l-ewwel qorti stess illi l-azzjoni *pauliana* "hija azzjoni spettanti lir-rikorrenti personalment", bħallikieku l-atturi f'din il-kawża qegħdin jidhru f'żewġ kwalitajiet jew żewġ personalitajiet differenti.

17. Dan ma huwiex minnu. Tassew illi fl-*actio debitor debitoris mei* l-atturi jkunu qegħdin jinqdew bi dritt li għandu d-debitur tagħhom, iżda jkunu wkoll fl-istess ħin qegħdin jinqdew bi dritt tagħhom ukoll, għax *debitor debitoris mei debitor meus est*. Għalhekk ma hemm xejn li jżommhom milli jagħmlu ż-żewġ azzjonijiet f'waħda. X'sens jagħmel iġġiegħel lill-atturi jiftħu żewġ kawżi flok waħda meta fiż-żewġ azzjonijiet il-partijiet huma l-istess u l-għan aħħari mfittex huwa l-istess?

18. Lanqas ma hija ta' ostakolu l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi "Cassar qatt ma għamel kawża *ad hoc* sabiex jannulla din l-iskrittura [*sc*. ta' trans-azzjoni], u, skont il-ġurisprudenza, l-annullabilità ta' kuntratt ma tistax titqajjem bħala eċċezzjoni izda trid *per forza* tkun dedotta permezz ta'

azzjoni apposita". L-ewwelnett ma huwiex minnu li "l-annullabilità ta' kuntratt ma tistax titqajjem bħala eċċezzjoni"; anzi, l-art. 1226 Kod. Ċiv. jgħid espressament illi *quæ temporalia sunt ad agendum perpetua sunt ad excipiendum* u, ukoll, ma huwiex il-konvenut Cassar li qiegħed ifittex li bl-azzjoni ta' rexissjoni jannulla l-kuntratt bejnu u Zammit iżda huma l-atturi li bl-azzjoni *pauliana* qegħdin ifittxu dikjarazzjoni, mhux ta' nullità, iżda ta' non-opponibilità tal-kuntratt għalihom (għax il-kuntratt jibqa' jiswa bejn Cassar u Farrugia).

19. Huwa minnu illi fit-tweġiba għall-appell qiegħed igħid sew il-konvenut Zammit illi l-kuntratt tal-4 ta' Novembru 2011 dwar għarfien ta' dejn bejn l-atturi min-naħa l-waħda u Cassar u Richard min-naħa l-oħra – li Zammit ma kienx parti fih – lilu ma jorbtux. Iżda dak il-kuntratt huwa element ta' prova, li għandu jitqies flimkien mal-provi l-oħra li jressqu l-partijiet, biex jiġi stabbilit jekk huwiex minnu li Zammit huwa *debitor debitoris*. Din iżda hija kwistjoni ta' prova u mhux ta' interess ġuridiku tal-atturi, u għandha titqies fil-fażi ta' valutazzjoni ta' provi u mhux fil-fażi inizjali ta' determinazzjoni tal-leġittimazzjoni attiva tal-atturi. Kull kumment li jagħmlu l-konvenuti fuq valutazzjoni ta' provi huwa għalhekk irrelevanti.

20. L-argumenti mressqa fit-tweġiba ta' Richard huma wkoll irrelevanti. Ma hemmx għalfejn jingħad illi kemm bħala kreditriċi tad-debitur u kemm bħala parti fil-kuntratt impunjat hija kontradittriċi leġittima tal-azzjoni tal-attriċi. L-argument dwar kienx hemm qerq, u minn min, isir relevanti mhux f'dan l-istadju iżda meta l-qorti tiġi biex tqis l-element tal-*consilium fraudis* fl-azzjoni *pauliana*. Is-sottomissjoni mbagħad – li jagħmilha l-konvenut

Zammit ukoll – illi l-appell huwa fieragħ hija manifestament ħażina, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fuq li jagħtu raġun lill-atturi.

21. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell: tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut Zammit u tħassarha fejn laqgħet ir-raba' eċċezzjoni; minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni, tgħid illi l-atturi għandhom leġittimazzjoni attiva biex imexxu b'din il-kawża u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ fil-meritu.

22. L-ispejjeż tal-ewwel grad, billi s-sentenza kienet biss dwar eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut Zammit, iħallashom l-istess konvenut Zammit; l-ispejjeż tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn il-konvenut Zammit u l-konvenuta Richard.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr